MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 223/2007

Il-Pulizija
(Spt. A.P. Miruzzi)
Vs
Geronzio Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli, bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fis-27 t’Ottubru, 2005, f’Tal-Karmnu Butcher, Triq Villambrosa, Hamrun,
1. naqas, jew hu jew impjegat tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-tlettax il-skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens

lilhu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u(e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
2. Fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provista, skond il-kumpens lilhu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju, 2007, li biha, peress li fic-citazzjoni isem l-appellat kien skorrett, l-appellat gie lliberat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u wara li tisma' l-provi ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti :- li l-Ewwel Qorti naqset li tirriferi "ex officio" ghac-certifikat tat-twelid tal-appellat meta din kienet l-ahjar prova . Il-Prosekuzzjoni kienet harget l-akkuza fuq id-dettalji li kellha mir-Registru Pubbliku u ghalhekk f' tali cirkostanzi l-istess prova kellha tigi ammessa biex ma jsirx zball. Anki l-Ewwel Qorti spiccat irreferiet ghal Geronzio ATTARD minnflok Azopardi . Wara li ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Emmanuel Gauci vs. Avukat Generali" deciza fis-26 ta' Mejju, 2006, l-Avukat Generali qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-appellat ghax dan kien perfettament identifikabbli kif jirizulta mic-citazzjponi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat.

Li mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li wara xi seduti fejn l-appellat ma kienx deher, fl-24 ta' Mejju, 2007, kien deher l-appellat assistit minn Dr. Martin Fenech u gie verbalizzat li wara li xehed Carmel Camilleri w esebixxa xi dokumenti, xehed l-imputat appellat li ddikjara li ismu Geranzio u mhux Geronzio u wera' l-karta tal-identita' tieghu lill-Ewwel Qorti .

Hawn l-Avukat Dr. Fenech talab li l-imputat jigi liberat, stante li l-appellat ma kienx il-persuna indikata bhala l-imputat. Il-Prosekuzzjoni pero' opponiet ghal din it-talba li l-appellat jigi liberat, peress li fir-Registru Publkiku l-appellat hu registrat bl-isem "Geronzio" u talab li jipprezenta dokument in sostenn ta' dan. L-Ewwel Qorti pero' cahdet din it-talba stante li l-provi kienu maghluqin u laqghet it-talba tal-imputat appellat peress li mill-provi prodotti jirrizulta li l-persuna li ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 545546 huwa Geranzio Azzopardi. Inghatat sentenza fejn l-appellat gie liberat.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jidher li, jekk sar xi zball, dan seta' ttiehed minn Paul Scicluna li ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jitolbu jiehu l-passi opportuni kontra GERONZIO AZZOPARDI, (Fol. 8) meta mid-dokumenti anness mall-istess ittra (fol. 9.) kien jidher li l-applikazzjoni ghall-registrazzjoni, kienet saret minn GER**<u>A</u>**NZIO AZZOPARDI, li ukol iffirma "Ger**<u>a</u>**nz" a tergo tal-istess dokument. L-istess fl-Spot Check Inspection Sheet l-isem jidher indikat bhala "Ger**<u>a</u>**nzio Azzopardi". Il-Kummissarju tal-Pulizija, meta rrediga il-komparixxi gie ghalhekk zvijat u strah fuq l-isem li kien hemm fl-ittra u mhux fuq dak li kien jidher mid-dokumenti akkompanjanti.

Ghalhekk mill-istess dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni kien jidher car li kien hemm diffikulta' dwar l-isem korrett

tal-appellat u cioe' jekk kienx GER**A**NZIO jew GERONZIO Kieku l-prosekuzzjoni fliet sew id-dokumenti li kellha f'idejha kienet tintebah li seta' kien hemm xi zball u fejn kien l-izball u kellha kull opportunita' li qabel ma taghalaq il-provi taghha, tivverifika w, jekk hemm bzonn, titlob korrezzjoni fil-komparixxi. Dan kien l-ahjar mod li bih wiehed kellu jipprocedi.

Pero' ladarba l-istess appellat irrizerva din il-kwistjoni ghax-xhieda tieghu in difeza, u ladarba l-prosekuzzjoni fil-kontro-ezami kellha kull dritt li tikkonfrontah bl-aqwa prova li f' dan il-kaz kienet indubbjament ic-certifikat tat-twelid tieghu li ovvjament dak il-hin ma kienx disponibbli, kienet f' lokha t-talba tal-Prosekuzzjoni biex jesebixxi dan id-dokument - ghal dak li jista' jiswa'. Huwa minnu li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu maghluqin, imma ladarba l-istess appellat poggja "*in issue"* il-veru isem tieghu ghall-ewwel darba fl-*examination in chief* tieghu, l-prosekuzzjoni kellha kull dritt li fil-kontro-ezami tieghu tikkonfrontah bl-aqwa prova fir-rigward u cioe' l-Att tat-Twelid.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni giet priva ingustament milli tipproduci prova importanti w rilevanti w dan jikkostitwixxi ksur procedurali ta' natura sostanzjali li ghandu jwassal biex parti mill-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll is-sentenza appellata tigi annullata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tannulla l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti mill-istadju li fih giet sospiza d-depozizzjoni tal-appellat, biex il-prosekuzzjoni jkollha d-dritt li tipproduci kopja tal-Att tat-Twelid tal-appellat biex , okkorrendo, jkun jista' jsir il-kontro-ezami opportun fuq dan il-"*fact in issue"* cioe' l-isem korrett tal-appellat, u wara l-kawza tigi deciza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------